SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 09**

**IT-TNEJN 1 TA' OTTUBRU 2012 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.00 PM.**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| Dr JUSTIN FENECH | VICI –SINDKU |
| ALEX CHETCHUTI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLIER |

Il-Kunsillier A. Curmi u P. Fenech kienu skużati minħabba raġunijiet ta' mard, u l-Kunsillieri R. Rossignaud u M. Abela kienu skużati minħabba mpenji oħra.

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-Minuti tas-Seduta Numru 8 ġew approvati kif emmendati. Is-Sindku ppropona u l-Kunsillier C. Said issekondat.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

<u>Mill-Kunsillier Mario Fava</u>

1. Il-Kunsillier staqsa jekk waslietx xi risposta għal ittra li ntbagħtet lil Minsitru Jason Azzopardi dwar l-esproprazzjoni fil-parti ta' fuq ta' Triq ir-Ratal. Is- Segretarju Eżekttiv nforma li sal-preżent għad ma waslietx risposta.

2. Il-Kunsillier staqsa jekk il-Kuntrattur tad-dawl giex jiffirma l-estenzjoni. Is-Segretaru Eżekuttiv nforma li dan ġie jiffirmah bil-kundizzjonijiet kolha li ġew maqbula fil-laqgħa tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku nforma li rċieva email minngħand resident dwarr xi bozzoz maqtugħa u li ġew irrapurtati pero' għad ma nbidlux. Is- Segretarju Eżekuttiv wieġeb li hu għamel il-kuntatti fil-fatt ġie nfurmat mill-Kuntrattur li d-dawl maqtugħ u li qiegħed fuq il-Works Orders kollu lest.

3. Il-Kunsillier informa li l-materjal li qed jintuża għar- re-instatement mill-WSC, huwa nferjuri u mhux biss qed jinqala' wara ftit taż-żmien pero' qed issir qisu lakstu idub u jitlaq ma' tyres tal-karozzi. Huwa talab sabiex dwar dan tinkiteb ittra lil WSC u tiġi kkupjata lil AKL. Il-Viċi-Sindku nforma li dwar dawn ix-xogħlijiet għadhom pendenti re-instatement 7, Triq l-Għamad, 2 Triq F.X Ebejer u Triq it-Terz. Is- Segretraju Eżekuttiv nforma li anke dwar dawn se jerġa' jirraporta lil WSC.

4. Il-Kunsillier staqsa jekk ġewx installati l-installazjonijiet tad-dawl ġodda li hemm pendenti. Is- Segretraju Eżekuttiv wieġeb li dawn għad ma ġewx approvati mill-Enemalta u għaldaqstant għad ma jistgħux jiġu nstallati. Wara diskuzzjoni, is-Sindku ppropona li għadda żmien biżżejjed biex dawn jiġu approvati u għaldaqstant hu nsista li dawn għandhom jiġu nstallati. Il-Kunsill unanimament qabel mal-porposta tas-Sindku.

5. Il-Kunsillier staqsa għal-kopja ta' ittra li kienet intbagħtet mill-Kunsill lid-Dipartiment tat-toroq dwar kisi bi tarmak f' toroq ġodda fil-lokalita' . Is-Segretraju Eżekuttiv nforma li din l-ittra kienet intbagħtet lid-Dipartiment fil-bidu ta' Lulju ta' din is-sena.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT**
**Sindku**

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (ikompli)

Mill-Kunsillier Mario Fava

6. Il-Kunsillier staqsa lis-Sindk dwar il-laqgħa li kellha ssir ma' l-Authorized Officer (LES). Is-Sindlu nforma li għad ma ngħatx data ta' meta tista' ssir din il-laqgħa. Is-Segretraju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jikkomunika mal-persuna konċernata.

Mill-Kunsillier Carmen Said

1. Il-Kunsillier infurmat li lestiet l-informazzjoni dwar l-injezzjoni ta' l-influenza. Din se jkunu tqassmu lir-residenti sal-5 ta' Ottubru 2012. Ir-residenti għandhom sa 12 tax-xahar sbiex jireġistraw l-interess tagħhom mal-Kunsill. Is- Sindku ħa l-inkarigu li jikkomunika mal-Kappillan dwar il-possibilta' li l-injezzjonijiet issiru f' post adattat fil-bini tal-paroċċa. Il-Kunsillier Said ħadet l-inkarigu li tikkomunika ma' xi nurses sabiex jagħmlu dawn ix-xogħlijiet.

2. Hija nfurmat li dalwaqt se jitqassam il-programm tal-ħarġiet ta' l-anzjani għal din is-sena. Dan il-programm diġa' ġie ċċirkulat lill-kunsillieri kollha permezz ta'email.

## III RAPPORT MIS-SINDKU

1. Is- Sindku nforma li kellu kuntatti ma' Dipartiment tat-toroq sabiex il-parti ta' isfel ( l-inżul ) għal Triq Josef Kalleya issir bil-konkos. B'hekk jitnaqqas il-periklu għal dawk kollha li jiffrekwentaw din iż-żona.

2. Huwa nforma li se ssir laqgħa ma'Sur J. Brincat ( Traffic Managment) dwar il-bdil li qed jiġi propost fis-Swieqi. Din il-laqgħa se ssir nhar l-Erbgħa 3 ta' Ottubru 2012.

3. Is- Sindku informa li dalwaqt ser jibdew diskuzzjonijiet dwar nursery tal-Basketball.

4. Huwa nforma li hu ltaqa' mal-Kunsillier A.Chetcuti dwar kampanja tat-tindif. Huma ssuġerew li titlu se jkun KEEP IT CLEAN. Il-Viċi- Sindku staqsa biex fil-laqgħa li jmiss jiġi ppreżentat id-dettalji tal-kampanja biex hekk jkun jista' jipprepara l-materjal mal-promozzjoni tal-kampanja.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT**
**Sindku**

## III RAPPORT MIS-SINDKU (ikompli)

5. Il-Kunsill ġie nfurmat li saret laqgħa mal-Perit tl-Kunsill dwar immaniġjar aħjar tat-traffiku fil-parti isfel ta' Triq il-Qasam kantuniera ma' Triq is-Sidra. Is-Sindku nforma li l-Perit se jħejji rapport idettaljat dwar x' jista jsir f' din il-parti t' triq.

6. Rigward l-aċċident tas-siġra li waqgħet mill-Gnien FX Ebejer fuq karozza ta' resident fi Triq is- Swieqi. Il-Kunsill qabel li għandha titħallas il-kwotazzjoni ta'ħsarat li giet sottometta lill-Kunsill minn sid il-vettura €300.30 titħallas din is-somma lis-sid tal-karozza.

7. Is- Sindku nform li kellu laqgħa ma' uffiċjal minn Pembroke Athelta bil-ħsieb li jitwaqqaf Swieqi Athelic Club.

8. Is- Sindku ppreżenta il-pjanti dwar refursbishment fil-Ġnien FX Ebejer sabiex f' dan il-ġnien jiġi nstallat open-air gym. Pjanti anessi. Is- Sindku se jagħti iktar nformazzjoni fil-laqgħa li jmiss.

9. Is- Sindku nforma li kellu laqgħa ma' l-uffiċċjali tal-MRRA dwar tindif u *refurbishment* f' għalqa li hemm fuq ix-xellug biswiet l-entratura tas- Swieqi. L-uffiċċjali rrakomandaw li dwar dawn ix-xogtħlijiet jkun aħjar jekk issir rikjesta diretta lil Ministeru. Is- Sindku nforma li din l-ittra diġa' ntabgħtet.

10. Is- Sindku nforma li s- Segretraju Eżekuttiv se jagħlaq 61 sena fl-aħħar ta' Diċembru 2012. Wara diskuzzjoni sar qbil sabiex jiġi nfurmat id- Dipartiment tal-Kunsilli Lokali sabiex tibda' l-proċedura għar-replacement u għal-estenzjoni fuq bażi ta' hand-over.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT**
**Sindku**

## III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

Mill-Kunsillier M. Fava

1. Il-Kunsillier nforma li għandu nformazzjoni li l-Kunsill ta' San Ġwann se jipproponi li l-aċċess għas- Swieqi jiġifieri l-inżul għall-wied issir one-way. Il-Kunsillier ssostna li dan il-Kunsill qatt ma qabel ma' din il-proposta, kien sar qbil li din il-parti ta' triq għandha titwessa u mhux issir one-way.

Mill-Kunsillier A. Chetcuti

1. Huwa ssuġerixxa li ssir drop-off zone għat-tfal fi Triq il-Qasam ħdejn l-Forex Ironmongery. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li se jistqsi dwar din il-possibita' fl-ewwel laqgħa li ser jkollu ma' uffiċjali mit-TM.

2. Il-Kunsillier nforma dwar il-bżonn ta' patching fi Triq Sant Andrija fil-viċinanza Tal-grocer żgħir eżatt wara l-stage tal-karozzi.

3. Il-Kunsillier staqsa lis-Sinkdu jekk saritx l-applikazzjoni mad-Dipartiment tat-toroq sabiex titwessa' Triq Josef Kalleya. Is- Sindku nforma li din għad ma saritx.

Mill-Kunsillier C.Said

1. Hija staqsiet jekk hux se jsir re-surfacing ta' Triq il-Qasam u dan peress li din it-triq tinsab fi stat ħażin ferm. Il-Kunsillier nfrurmat li meta kienet ħarġet l-offerta' għal din it-triq kienet ġiet ikkwotata s-somma ta' €370,000 li l-Kunsill ma jistax jikkometti ruħu minħabba nuqqas ta' finanzi. Għaldaqstant is-Sindku ppropona li din it-triq issir bis-sistema tal-Public Private Partnership. Il-Kunsillier Fava ma jaqbilx ma' din is-sistema. Qed jiġi ppublikat rapport mill-Kunsillier li jinklui raġunijiet għala hu ma jaqbilx mas-sistema. Dan ir-rapport se jkun ukoll aness ma' dawn il-Minuti.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT**
**Sindku**

## III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI (ikompli )

" Per principju ma naqbilx li L-Kunsill jidħol fil-PPP minħabba l-ispejjeż huma kbar u din torbot lil dan il-kunsill u lil ta' warajh li bl-allokazzjoni tiegħu ma jkunx jista' jagħmel iktar xogħol fil-lokalita. Qed nitkelmmu fuq triq li tiswa' kwazi nofs miljun ewro.

Din it-triq tkissret f' daqqa tul il-perjodu ta' sena u nofs li kien magħluq il-Bridge Manuel Dimech. Ghaldaqtant il-Gvern Centrali għandu jerfa' dan il-piz u jgħin fil-bini mill-ġdid ta' din it-triq.

Din mhix l-unika triq li għandha bżonn tinbena mill ġdid u għaldaqstant jekk napplikaw ghal PPP ifisser li toroq bhal Triq il-Keffa u Triq it-Tiben iridu jistennew ta' l-inqas 8 snin oħra biex isiru ghax il-Kunsill mhux se jkollu flus.

Ma jagħmilx sens li meta nmorru nitolbu l Gvern Ċentrali biex jgħin fil-bini ta' dawn it-toroq, jistaqsuna jekk applikajniex ghal PPP.
Il-PPP kienet saret bħala option ghall-Kunsilli Lokali u mhux biex tigi nfurzata fuq il -Kunsilli għax inkella ma jingħatawx għajuna.

Nistaqsi x' se jigri minn Triq il-Keffa li hija waħda mill-agħar toroq li hawn fil-lokalita? "

Rapport – Mario Fava (Appendici A)

Wara diskuzzjoni, il-Kunsill b'4 voti favur u astenzjoni qabel li għandha ssir applikazzjoni mad-Dipartimnet tal-Kunsilli Lokali għal PPP.

2. Il-Kunsillier staqsiet dwar jekk sarux żvillupi fl-applikazzjoni mill-MEPA tal-Ġnien tat-Tennis fi Triq il-Ħemel. Is-Segretraju Eżekuttiv nforma li dwar din il-materja, hu kkomunika diversi drabi mal-Perit tal-Kunsill u ġie nfurmat li l-pjanti qed jiġu vverifkati mill-KDNP.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**Segretarju Eżekuttiv** — **Sindku**

## III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI (ikompli)

Mill- Viċi- Sindku – Dr. J. Fenech

1. Huwa nforma li bagħat lill-Kunsill l-email li hu rċieva minngħand resident dwar diversi tiswijiet ta' dawl pendenti. Is- Segretraju Eżekuttiv nforma li din il-korrispondenza, hu mill-ewwel għaddieha lill-kuntrattur ikkonċernat.

2. Il- Viċi- Sindku nforma li dalwaqt se jibda' jaħdem fuq il-website tal-Kunsill.

3. Huwa nforma wkoll li se jorgnizza laqgħa ma' dawk kollha li għenu fl-organizzajoni ta' Jum is-Swieqi. Il-laqgħa se ssir bħala ringrazzjament u biex iħeġġihom jgħinu lill-Kunsill f' attivitajiet futuri.

4. Huwa nforma li qed jipprepara proposta fuq attivita' li tista' titella' fil-festi tal-Milied. Jekk l-attivita' tkun vijabli din ssir fit-tieni ġimgħa ta' Diċembru 2012 u tista' tkun mifruxa fuq 4 ijiem. Dwar dan hu se jagħti aktar dettalji fis-sedut tal-Kunsill li jmiss.

Mill- Kunsillier A. Curmi

1. Rapport mibgħut mill-Kunsillier aness ma' dawn il-Minuti. (Appendici B)

## IV KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

Kwotazzjonijiet ta' Dawl Dekorattiv għal Festi tal-Milied

1. Is-Segretraju Eżekuttiv ippreżenta kwotazzjonijiet ta' dawl dekorattiv tal-Milied. Gew sottometti żewġ offerti hekk kif jidher hawn taħt

| | | |
|---|---|---|
| **1** | **Chris Gauci** | **€2100** |
| **2** | **Noel Borg** | **€2000** |

Is- Sur R. Fenech mill-Kumitat tal-Finanzi rrakomanda li għandha tintgħażel l-offerta' tas- Sur N. Borg. Din kienet l-irħas fost it-tnejn u għaldaqstant l-aktar offert vantaġġjuża. Il-Kunsill qabel unanimament ma' rekomandazzjoni tas- Sur R. Fenech. Il-Kunsillier C. Said ipproponiet u l-Kunsillier M. Fava ssekonda.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT**
**Sindku**

**IV KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV (ikompli)**

2. Kwotazzjonijiet ta' Tindif ta' culverts

1. Is-Segretraju Eżekuttiv ippreżenta kwotazzjonijiet ta' tindif tal-culverts fil-lokalita'.Gew sottometti sitt offerti hekk kif jidher hawn taħt. Is- Sur R. Fenech irrakomanda li għandha tintgħżel l-offerta' ta' Lino Micallef. Dan huwa l-istess kuntrattur li għamel ix-xogħlijiet is-sena li għaddiet. Il-Kunsill kien irraporta li xogħlijiet saru sewwa ħafna u b' mod effiċjenti. Għaldqstant il-Kunsill qabel unanimament ma' rekomandazzjonijiet tas- Sur R. Fenech. Il-Kunsillier C. Said ipproponiet u l-Kunsillier M. Fava ssekonda.

| No | Tenderer | Price |
|---|---|---|
| | | |
| 1 | Glen Dalli Hili | €1350 |
| 2 | Owen Borg | €1485 |
| 3 | Emanuel Galea | €2900 |
| 4 | Simon Sammut | €1680 |
| 5 | W.B. Constructions | €1200 |
| 6 | Lino Micallef | €1400 |
| | | |

3. Kwotazzjonijiet tal- Poloz ta' l-Assigurazzjoni (3rd Party Liability)

1. Is-Segretraju Eżekuttiv ippreżenta kwotazzjonijiet tal-poloz ta' l-assigurazzjoni . Gew sottometti ħames offerti hekk kif jidher hawn taħt

| No | Tenderer | Price |
|---|---|---|
| | | |
| 1 | Mark Anthony Debono | €1664 |
| 2 | KDM | €2029.49 |
| 3 | Omnitec Ltd | €1887.43 |
| 4 | Melita Uniporl | €2029.49 |
| 5 | MIB | €2071.15 |

Is- Sur R. Fenech irrakomanda li għandha tintgħżel l-offerta' ta' l-MIB
Dan huma l-istess brokers li kienu intgħażlu fis-sena preċidenti. Il-Kunsill ukoll irrimarka li fis-sena 2011 ma kienx hemm problemi ma' dawn il-brokers. Is- Sur R.Fenech irrimrka wkoll li l-Middlesea hija kumpanija ta' l-assigurazzjoni serja. Għaldaqstant li għandha tintuża l-offerta' ta' l-MIB bi kwotazzjoni ta' **€2071.15.** Il-Kunsill unanimament qabel ma' rekomandazzjonijiet tas-Sur R. Fenech. Il-Kunsillier C. Said ipproponiet u l-Kunsillier M. Fava ssekonda.

Rapport ta' 3 kwotazzjonijiet jinsab anness ma' l-offerti.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## IV KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV (ikompli)

4 Offerta' ta' Hand-Rail fi Triq Santu Wistin

Ġiet ippreżentata offerta' minn għand Sur Tony Debattista ta' hand-rail fit-taraġ ta'Triq Santu Wistin L-offerta' hija ta' €440 exkluż il-VAT . Il-Kunsill qabel unanimament ma' l-offerta' u staqsa biex ix-xogħlijiet jibdew mill-aktar fis.

5. Offerta' ta' bdil ta' paving blocks fi Triq is-Swieqi fil-viċinanza tal-ħwienet.

Ġiet ippreżentata offerta' ta' xogħlijiet ta' bdil ta' paving blocks minngħand Sur Brian Farrugia fi Triq is-Swieqi. L-offerta' tammonta għal €524.20. Il-Kunsill qabel unanimament ma' l-offerta' u staqsa biex ix-xogħlijiet jibdew mill-aktar fis.

6. Is- Segretarju Eżekuttiv informa dwar korrispondenza mid- Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar siġra miżrugħa fuq il-bankina fi Triq il-Molletta. Il-Kunsill ġie nfurmat li din is-siġra qegħda tkun ta' ostaklu u inkonvenjent għl dawk kollha li jużaw din il-bankina. Is- Sindku ssuġeriet li din il-materja għndha tiġi diskussa fis-seduta li jmiss.

## V APPROVAZZJONI U XIRI TA' PAGAMENTI

Giet approvata l-iskeda ta' pagamenti li ġiet iccirkulata minn qabel.

Il-laqgħa spiċċat fit-8pm u sar aġġornament għal nhar il-Ħamis 1 ta' Novembru 2012.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT**
**Sindku**